VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,871, 17 ta' Frar, 2012
Taqsima B

A.L. 73 tal-2012

ATT DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI (KAP. 492)

Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 42 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) .

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-17 ta' Frar 2012.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji;

"accountant" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy. Dik il-persuna m'għandhiex tkun amministratur, membru jew impjegat tal-organizzazzjoni volontarja iskritta li jiġbor u jiffirma l-kontijiet tagħha; Kap. 281

"amministratur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtililha fl-Att meta użata fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet volontarji;

"awditur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy. Dik il-persuna m'għandhiex tkun amministratur, membru jew impjegat tal-organizzazzjoni volontarja iskritta li jawditja l-kontijiet tagħha;

"Bord tal-Appell" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"dħul" tfisser kull dħul, donazzjoni, għotja u kull fond ieħor miġbur minn attivitajiet jew ġbir ta' fondi li jiġi rċevut mill-organizzazzjoni volontarja fil-perjodu finanzjarju rilevanti mingħajr l-ispejjeż;

"il-Kummissarju" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat *part-time*" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

Kap. 452.

"impjegat *whole-time*" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"membru attiv" tfisser membru ta' organizzazzjoni volontarja iskritta li ħallas is-sħubija matul is-sena u li jagħmel parti mill-istrutturi statutorji jew sotto-kumitati tal-organizzazzjoni volontarja iskritta;

"numru VO" tfisser in-numru allokat lil organizzazzjoni volontarja mill-Kummissarju mal-iskrizzjoni;

"Organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 1" tfisser dawk l-organizzazzjonijiet volontarji iskritti li d-dħul annwali tagħhom ma jeċċedix jew huwa daqs mitejn elf euro (€ 200,000) bla ħsara għall-aġġustamenti tal-limitu tal-kontijiet stipulati fl-Iskeda 5 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 2" tfisser dawk l-organizzazzjonijiet volontarji iskritti li d-dħul annwali tagħhom jeċċedi mitejn elf euro (€ 200,000) bla ħsara għall-aġġustamenti tal-limitu tal-kontijiet stipulati fl-Iskeda 5 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"organizzazzjoni volontarja" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"perjodu finanzjarju" tfisser perjodu ta' sena jew kif speċifikat fl-Iskeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"spejjeż" tfisser l-ispejjeż ordinarji għall-amministrazzjoni tal-organizzazzjoni volontarja u l-ispejjeż kollha magħmula f'attivitajiet għall-ġbir ta' fondi iżda li m'għandhomx jinkludu pagamenti u spejjeż magħmula lil riċevituri ta' donazzjonijiet jew applikati għall-benefiċċju tal-għanijiet u l-iskopijiet tal-organizzazzjoni volontarja f'konformità mal-objettivi tagħha;

"it-Tieni Skeda" tfisser it-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili;

"voluntier" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

(2) Frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti u li mhumiex definiti għandu jkollhom l-istess tifsira kif assenjata lilhom fl-Att jew fit-Tieni Skeda.

Applikabbiltà tar-regolamenti.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-organizzazzjonijiet volontarji iskritti kollha.

(2) Meta organizzazzjoni li ma tkunx iskritta tingħata l-ewwel ċertifikat ta' iskrizzjoni mal-iskrizzjoni, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw b'effett mill-bidu tal-perjodu finanzjarju li jaħbat minnufih wara d-data tal-iskrizzjoni. Għall-iskopijiet tal-ewwel iskrizzjoni, il-Kummissarju għandu jirċievi rapporti annwali u kontijiet annwali tal-organizzazzjoni fil-forma li biha kienu ġew preparati. Il-Kummissarju għandu jirċievi dawn il-kontijiet annwali ukoll jekk mhux f'konformità mar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Mal-iskrizzjoni, l-amministraturi għandhom jikkonfermaw mal-Kummissarju permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ffirmata minn wieħed mill-amministraturi li huma jagħrfu l-obbligi tal-organizzazzjoni volontarja tagħhom taħt dawn ir-regolamenti b'effett mid-data tal-iskrizzjoni.

(4) (a) Fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji li huma iskritti, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu fuq kull regolament li jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tar-rapporti annwali u tal-kontijiet annwali u l-metodi ta' reviżjoni li jistgħu japplikaw kif hemm fit-Tieni Skeda.

(b) Ir-rapport annwali u l-kontijiet annwali mħejjija minn organizzazzjoni volontarja iskritta f'konformità ma'

dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li jkunu jħarsu ir-rekwiżiti marbuta mar-rapporti annwali u l-kontijiet annwali stipulati fit-Tieni Skeda u mar-regolamenti pubblikati taħt l-Iskeda, b'dak il-mod li organizzazzjoni volontarja iskritta ma tkun meħtieġa tħejji ebda rapport annwali u kont annwali addizzjonali għall-finijiet tat-Tieni Skeda u ta' regolamenti pubblikati taħt dik l-Iskeda. F'dawn il-każijiet kopja tar-rapport annwali u tal-kontijiet annwali ċertifikati mill-uffiċjali tal-Kummissarju għandhom jintbagħtu mill-organizzazzjoni volontarja iskritta lir-Reġistratur għal Persuni Legali li għandu jdaħħal din il-kopja fir-Reġistru għal Persuni Legali.

(ċ) L-organizzazzjoni volontarja iskritta li hija reġistrata bħala persuna legali mar-Reġistratur għal Persuni Legali għandha tibgħat kopja tar-rapport annwali u tal-kontijiet annwali lir-Reġistratur għal Persuni Legali kif imsemmi hawn qabel fi żmien ħmistax-il jum, minn meta jiġu ppreżentati lill-Kummissarju.

(5) Organizzazzjoni volontarja li hija reġistrata bħala persuna legali mar-Reġistratur għal Persuni Legali iżda li ma tkunx iskritta m'għandhiex tikkwalifika għall-eżenzjoni fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament mid-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda u minn kull regolament maħruġ taħt dik il-parti u għandha tkunu marbuta li tikkonforma bis-sħiħ mat-Tieni Skeda u ma' kull regolament maħruġ taħt dik il-parti.

Prospett annwali

4. (1) Organizzazzjonijiet volontarji iskritti għandhom iħejju prospett annwali bil-kontenut u fil-forma stipulata fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-prospett annwali għandu jinkludi d-dokumenti li ġejjin mehmuża miegħu:

(a) ċart organizzattiva;

(b) kopja ta' kull dokument li jemenda l-istatut awtentikat minn Nutar f'każ ta' att notarili u minn amministratur wieħed f'każijiet oħra, jekk ikun il-każ;

(c) kopja riveduta u aġġornata tal-istatut ċertifikata u awtentikata minn Nutar fil-każ ta' att notarili jew minn amministratur wieħed f'każijiet oħra u għandha b'dan tikkonsolida t-tibdiliet kollha magħmul fl-organizzazzjoni volontarja sa dik id-data, jekk ikun il-każ;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) kopja tar-rapport annwali li għandha tkun awtentikata minn amministratur wieħed;

(e) kopja tal-kontijiet annwali li għandha tiġi awtentikata minn żewġ amministraturi.

Kontijiet annwali.

5. Organizzazzjonijiet volontarji iskritti għandhom iħejju kontijiet annwali f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Iskeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandhom jiġu preżentati flimkien mal-prospett annwali.

Tibdil fl-amministrazzjoni jew fir-rappreżentazzjoni ta' organizzazzjoni volontarja iskritta.

6. Meta jsir xi tibdil fl-amministrazzjoni jew fir-rapreżentazzjoni ta' organizzazzjoni volontarja, l-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja iskritta għandhom iħejju rapport lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji sa mhux aktar tard minn erbatax-il ġurnata wara d-data li fiha t-tibdil jiġi fis-seħħ.

Emendi jew żjidiet fl-istatut.

7. (1) Organizzazzjoni volontarja iskritta tista' tagħmel emendi jew żjidiet fl-istatut tagħha.

(2) Għandu jkun id-dmir tal-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja iskritta li jibgħatu kopja tad-deċiżjoni tal-kumitat eżekuttiv tal-organizzazzjoni volontarja sabiex lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji sa mhux aktar tard minn erbatax-il ġurnata wara d-data tad-deċiżjoni, flimkien ma' kopja riveduta u aġġornata tal-istatut, hekk kif emendat mid-deċiżjoni tal-kumitat eżekuttiv, li tinkorpora t-tibdil kollu fl-amministrazzjoni u r-rapreżentazzjoni tal-organizzazzjoni.

(3) Kull emenda jew żjieda fl-istatut ta' organizzazzjoni volontarja iskritta ma tkunx fis-seħħ sakemm ma tkunx irreġistrata mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji, skont is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) L-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja iskritta għandhom jiżguraw li l-emendi jew żjidiet li jsiru fl-istatut tal-organizzazzjoni jkunu korretti, sħaħ u konformi b'mod sħiħ ma' dawn ir-regolamenti u kull liġi applikabli oħra li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Proċeduri ta' reviżjoni.

8. Organizzazzjonijiet volontarji iskritti għandhom ikunu soġġetti għal dawk il-proċeduri ta' reviżjoni kif speċifikati fl-Iskeda 3 li tinsab ma'dawn ir-regolamenti.

Perjodi koperti mill-prospett annwali, preżentazzjoni tal-prospett annwali u l-perjodu finanzjarju għall-kontijiet annwali.

9. Organizzazzjonijiet volontarji iskritti għandhom jippreparaw il-prospetti annwali tagħhom għall-perjodu kopert, jippreżentaw dak il-prospett annwali fid-dati stabbiliti u jippreparaw il-kontijiet annwali għall-perjodu finanzjarju speċifikat fl-Iskeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Aġġustamenti tal-limitu tal-kontijiet.

10. Il-limiti tal-kontijiet għal organizzazzjonijiet volontarji iskritti jistgħu jiġu aġġustati kif speċifikat fl-Iskeda 5 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Is-setgħat tal-Kummissarju f'każ ta' organizzazzjonijiet volontarji iskritti inadempjenti.

11. Il-Kummissarju għandu jkollu s-setgħa li jieħu l-miżuri kollha neċessarji kontra organizzazzjonijiet volontarji inadempjenti li jinkludu dan li ġej:

(a) jekk wara li jgħaddu sittin ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Iskeda 4 ta' dawn ir-regolamenti, organizzazzjoni volontarja iskritta tkun għadha ma ppreżentatx il-prospett annwali flimkien mad-dokumenti meħtieġa annessi kollha miegħu, il-Kummissarju għandu jibgħat twissija bil-miktub lill-amministraturi rigward l-inadempjenza u għandu jipprovdi lill-amministraturi b'opportunità li jispjegaw ir-raġuni jew ir-raġunijiet għad-dewmien u għalhekk jista' jagħmel skadenza ġdida għall-preżentazzjoni jekk ir-raġuni jew ir-raġunijiet ikunu validi.

(b) jekk l-amministraturi msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament ma jipprovdu ebda raġuni valida għall-ksur jew jonqsu milli josservaw l-iskadenza l-ġdida li tkun ġiet magħmula mill-Kummissarju għall-preżentazzjoni jekk dik ir-raġuni tkun valida, il-Kummissarju jista' jagħmel rikors quddiem il-Bord tal-Appell b'xi talba minn dawn li ġejjin:

(i) li jipprojbixxi l-ġbir pubbliku sakemm jiġi ippreżentat il-prospett annwali flimkien mad-dokumenti meħtieġa kollha;

(ii) li jitlob l-iskwalifika tal-amministraturi;

(iii) jekk il-ksur ma jiġix rimedjat fi żmien disa' xhur, li jħassar l-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja f'konformità mal-artikolu 19 tal-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 1
(Regolament 4)

Kontenut u forma tal-prospett annwali

Għan

1. L-għan tal-prospett annwali huwa li jipprovdi l-Kummissarju u l-persuni interessati kollha b'informazzjoni aġġornata dwar l-organizzazzjoni volontarja iskritta, l-amministraturi tagħha u l-attivitajiet tagħha, b'mod ġenerali. Huwa importanti li l-eżerċizzju jkun kwalitattiv billi l-persuni li jħejju l-prospett annwali jridu jagħtu kont veritier tal-fatti.

Kontenut u forma

2. Il-prospett annwali bid-dokumenti kollha meħtieġa li jiġu mehmuża, li kull organizzazzjoni volontarja iskritta għandha tippreżenta għandu jkun mimli kif ikun adatt u bid-dokumenti meħtieġa mehmuża, lill-Kummissarju huwa kif ġej:

Kontenut u Forma ta' Prospett Annwali

Prospett Annwali ta': _____ *(isem tal-organizzazzjoni volontarja iskritta)*

Data sa' meta jkopri dan il-prospett: _____ *(l-anniversarju tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja)*

1. Indirizz

(Indirizz tal-uffiċċju tal-organizzazzjoni volontarja iskritta)

_____

_____

_____

B 556

2. Informazzjoni Ġenerali dwar l-Organizzazzjoni Volontarja

Numru VO: _____

Dettalji ta' kuntatt: _____

Websajt: _____

* *Jekk l-organizzazzjoni volontarja hija organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, imla d-dettalji tar-rappreżentant lokali. Għandu jkun żgurat li l-indirizz li jiġi inkluż huwa l-indirizz tar-rappreżentant lokali f'Malta.*

3. Amministrazzjoni

Dettalji tal-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja iskritta fid-data ta' dan il-prospett annwali.

Isem	Nazzjonalita'	Indirizz tar-residenza

4. Dikjarazzjoni ta' Korrettezza u Kompletezza

Data: _____

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jien hawnhekk nikkonferma li l-informazzjoni hawn qabel, inklużi l-Appendiċi mehmuża, huma kompluti u veritieri fil-kontenut tagħhom.

_____

(firma)

Isem tal-Amministratur: _____

5. Appendiċi

	Appendiċi A – Chart Organizzattiva
	Appendiċi B – Dokumenti li jemendaw l-istatut u/jew kopja aġġornata tal-istatut lit kun tikkonsolida fiha l-bidliet kollha li jkunu saru fi ħdan l-organizzazzjoni volontarja (jekk dan ikun kapplika)
	Appendiċi Ċ – Rapport Annwali
	Appendiċi D – Kontijiet Annwali

** Immarka d-dokumenti mehmuża*

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 2
(Regolament 5)

Kontenut u forma tal-kontijiet annwali

Għan

1. L-għan prinċipali tal-ħtieġa li jiġu mħejjija kontijiet annwali huwa li tissaħħaħ it-trasparenza fl-attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti. B'dan il-mod, organizzazzjonijiet volontarji iskritti juru r-responsabbiltà tagħhom lejn l-appoġġ leġiżlattiv u ta' politika, il-ġenerożità tal-pubbliku u jgħinu l-ħarsien kontra użu ħażin.

Il-kontijiet jistgħu jkunu dokumenti tekniċi ħafna li ma jiftehmux faċilment mill-pubbliku ġenerali. Huwa għalhekk li l-kontijiet għandhom jitħejjew f'format faċli għall-utent li jista' jinftiehem faċilment minn persuna normali.

Il-kontijiet għandhom jenfasizzaw il-metodi adottati sabiex ikun żgurat li jitniżżel seww id-dħul u l-infiq kollu u li jkun hemm trasparenza rigward kull benefiċċju, spiża jew remunerazzjoni jew onorarju raġonevoli, irċevut direttament jew indirettament minn persuni involuti fl-organizzazzjoni volontarja iskritta u mill-persuni li jappoġġaw l-għanijiet tal-organizzazzjoni volontarja iskritta.

Peress li l-pubbliku jagħti każ ħafna tal-mod li bih il-fondi mogħtija bħala donazzjonijiet jintużaw mill-organizzazzjonijiet volontarji iskritti, huwa ta' importanza kritika li dawk il-kontijiet ikunujindikaw għal kollox is-somom li jkunu daħlu, is-somom maħruġa u kif dawn ikunu intefqu.

Il-kontijiet ta' organizzazzjoni volontarja iskritta għandhom ikunu sensittivi għall-fatt li organizzazzjoni volontarja iskritta ma tagħmilx profitt u li din tista' twettaq għan soċjali u tkun dipendenti fuq donazzjonijiet u għotjiet volontarji. Jekk organizzazzjoni volontarja iskritta tagħmel xi ġbir pubbliku jew ta' xorta oħra ta' ġbir hija tkun suġġetta għal livelli ħafna akbar ta' kxif u tkun wisq aktar meħtieġa li tagħti kont għax tkun ġiet fdata mill-pubbliku.

Kontenut u forma tal-kontijiet annwali

2. Il-livell tal-kontijiet annwali li kull organizzazzjoni volontarja għandha tippreżenta lill-Kummissarju jiddependi mill-ammont tad-dħul annwali tagħha. Dan jiddependi minn jekk l-organizzazzjoni volontarja iskritta tkunx organizzazzjoni volontarja iskritta ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2.

(a) Organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 1

Bażi tal-kontabbiltà - bażi ta' flus kontanti

Il-kontijiet annwali li organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 1 għandhom jippreżentaw mimlija kif imiss lill-Kummissarju għandhom ikunu fuq bażi ta'flus kontanti u għandhom jinkludu l-kontenut u jkunu fil-forma indikata hawn aktar 'l isfel.

Id-dettalji tad-dħul u l-ħruġ għandu jingħata għal kull attività ta' ġbir ta' fondi bid-dħul jiġi trasferit fil-kont tad-dħul u l-infiq.

Isem tal-Organizzazzjoni Volontarja

Numru VO

Sena li ntemmet

Dħul

	€
Donazzjonijiet irċevuti	
Interessi fuq kontijiet ta' depożitu fiss	
Interessi fuq kontijiet tat-tfaddil	
Interessi/dividendi fuq investimenti	
Miżati għas-sħubija	
Dħul mill-bejgħ ta' attivi fissi	
Kirjiet miġbura	
Sponsorships irċevuti	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 1 – nett	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 2 – nett	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 3 – nett	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 4 – nett	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 5 – nett	
Attività ta' Ġbir ta' Fondi 6 – nett	
Dħul ieħor	
Dħul totali	-

Nfiq

Reklamar
Ħlasijiet għal reġistrazzjoni annwali
Tindif u oġġetti għall-konsum
Konferenzi u taħriġ
Assigurazzjoni - vetturi
Assigurazzjoni – oħrajn
Internet
Liċenzji
Spejjeż tat-telefonija mobbli
Posta

B 560

Ħlasijiet professjonali (*accountants*, avukati, eċċ)
Kera
Tiswija u manutenzjoni – tagħmir
Tiswija u manutenzjoni - vetturi
Tiswija u manutenzjoni - uffiċċji/bini
Salarji
Kartolerija u stampar
Abbonamenti
Telefown
Vjaġġar – Barrani
Vjaġġar – Lokali
Pagi
Ilma u elettriku
Spejjeż għall-websajt
Spiża 1
Spiża 2
Spejjeż oħra

Spiża totali	-

Eċċess ta' Dħul fuq l-Infiq	-
Eċċess ta' Infiq fuq id-Dħul	-

Moviment ta' Fondi

	Fil-bidu tas-sena	*Movimenti għas-sena*	*Fi tmiem is-sena*
	€	€	€
Kontanti fl-idejn/flus f'ammonti żgħar (*petty*)			
Kontijiet kurrenti			
Kontijiet tat-tfaddil			
Kontijiet ta' depożitu fiss			
Stokks tal-Gvern ta' Malta			
Ishma – Lokali			
Investimenti lokali oħra			
Investimenti barranin			

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-kontijiet ikunu ġew approvati mill-membri fil-Laqgħa Ġenerali Annwali/ta' kull sentejn li saret fil- _____.

_____	_____
Amministratur *firma*	Amministratur *firma*
_____	_____
Isem tal-Amministratur	Isem tal-Amministratur

Data: _____

(b) Organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 2

Bażi tal-kontabbiltà - *General Accounting Principles for Smaller Entities*

L.S. 281.03

Il-kontijiet li organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 2 għandhom jippreżentaw lill-Kummissarju mimlija kif imiss huma bbażati fuq il-*General Accounting Principles for Smaller Entities* li hemm fi Skeda 4 tar-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy (General Accounting Principles for Smaller Entities).*

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 3
(Regolament 6)

Proċeduri ta' Reviżjoni

1. Il-Kummissarju jirriżerva d-dritt li jaħtar kull persuna kwalifikata sabiex tiskrutinja u tagħmel rapport dwar il-kontijiet ta' xi organizzazzjoni volontarja iskritta meta jqis li jkun adatt. Dan għandu jsir mingħajr ebda preavviż jew notifika.

2. Il-Kummissarju għandu fuq bażi ta' kampjun u b'*roster* jingaġġa persuni kwalifikati biex iwettqu kontroll każwali fuq il-kontijiet ta' organizzazzjonijiet volontarji iskritti ta' Kategorija 1 u biex dawn jirrapportaw skont dan.

3. Ir-responsabbiltà u l-ispejjeż tar-reviżjonijiet f'paragrafi 1 u 2 ta' din l-iskeda għandhom jinġarru mill-Kummissarju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 4
(Regolament 7)

Perjodi għall-preżentazzjoni tal-prospett annwali

Perjodu kopert mill-prospett annwali, preżentazzjoni tal-prospett annwali u l-perjodu finanzjarju għall-kontijiet annwali

Perjodu kopert mill-prospett annwali

1. Il-prospett annwali (inklużi l-kontijiet) għal organizzazzjonijiet volontarji iskritti għandu jkopri l-perjodu ta' sena sa mid-data tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja ta' kull sena. Il-prospett annwali u d-dokumenti mehmuża miegħu għandhom jiġu ppreżentati sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata mid-data ta' iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja ta' kull sena.

Perjodu finanzjarju għall-kontijiet annwali

2. Il-kontijiet annwali tal-organizzazzjonijiet volontarji iskritti kollha għandhom isiru għal perjodu ta' sena mid-data ta' iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja ta' kull sena. Il-kontijiet annwali u d-dokumenti mehmuża għandhom jiġu ppreżentati sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja ta' kull sena. Dawk l-organizzazzjonijiet volontarji iskritti li jeħtieġu xi tibdil fil-perjodu ta' kontabilita' għandhom jitolbu permess mingħand il-Kummissarju sabiex jiġi fis-seħħ dan it-tibdil bi spjegazzjoni dwar il-bżonn ta' dan it-tibdil. Il-Kummissarju, f'dawn il-każijiet, għandu jikteb lill-organizzazzjoni volontarja iskritta konċernata u jgħid jekk japprovax jew le dan it-tibdil u għandu jinfurma lill-organizzazzjoni volontarja iskritta bid-data tal-preżentazzjoni tal-prospett annwali flimkien mad-dokumenti annessi kollha miegħu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 5
(Regolament 8)

Aġġustamenti tal-limitu tal-kontijiet

1. Organizzazzjoni volontarja iskritta ta' Kategorija 1 għandha tikkonverti awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja iskritta ta' Kategorija 2 meta d-dħul tal-organizzazzjoni volontarja jeċċedi mitejn elf euro (€ 200,000) għal tliet snin kalendarji konsekuttivi. Meta dan iseħħ l-organizzazzjoni volontarja iskritta għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha din l-organizzazzjoni volontarja ssir taf b'dan.

2. Organizzazzjoni volontarja iskritta ta' Kategorija 2 għandha tikkonverti awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja iskritta ta' Kategorija 1 meta d-dħul tal-organizzazzjoni volontarja ma jeċċedix mitejn elf euro (€200,000) għal tliet snin konsekuttivi. Meta dan iseħħ l-organizzazzjoni volontarja iskritta għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha din l-organizzazzjoni volontarja ssir taf b'dan.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 6

(Regolament 9)

Notifika ta' tibdil fl-amministrazzjoni jew ir-rappreżentazzjoni ta' organizzazzjoni volontarja iskritta

Data: _____

Numru VO: _____

Isem tal-organizzazzjoni volontarja: _____

Mogħtija minn: _____

Lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji:

_____

(isem tal-organizzazzjoni volontarja)

hawn tavża' skont Artiklu 6 tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) illi:-

_____

_____

_____

_____

B 566

Data tas-seħħ tal-bidla: _____

_____

(firma)

Isem tal-Amministratur: _____

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 7

(Regolament 10)

Notifika ta' emendi jew żjidiet fl-istatut ta' organizzazzjoni volontarja iskritta

Data: _____

Numru VO: _____

Isem tal-organizzazzjoni volontarja: _____

Mogħtija minn: _____

Lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji:

_____

(*isem tal-organizzazzjoni volontarja*)

hawn tavża' skont Artiklu 7 tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) illi:-

_____

_____

_____

_____

Data tas-seħħ tal-emendi jew żjidiet: _____

B 568

_____

(firma)

Isem tal-Amministratur: _____